Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,319, 26 ta' Novembru, 2002
Taqsima B

A.L. 346 ta' l-2002

ATT DWAR SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 448)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Ġdid

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 10 ta' l-Att dwar Is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu fis-seħħ.

1.1 Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Ġdid.

1.2 Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2003.

Applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

2.1 Dawn ir-regolamenti għandhom x'jaqsmu mat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid jew ingredjenti ta' ikel ġdid.

2.2 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u ingredjenti ta' ikel li s'issa qatt ma ntużaw għall-konsum uman fi grad sostanzjali fil-Komunità Ewropea u li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji li ġejjin:

(a) ikel u ingredjenti ta' ikel li jkun fihom jew jikkonsistu f'organiżmi modifikati ġenetikament fis-sens ta' Direttiva 90/220/EEC;

(b) ikel u ingredjenti ta' ikel prodotti minn, iżda li ma jkunx fihom, organiżmi modifikati ġenetikament;

(c) ikel u ingredjenti ta' ikel bi struttura molekulari primarja ġdida jew modifikata intenzjonalment;

(d) ikel u ingredjenti ta' ikel li jikkonsistu f'mikro-organiżmi, fungi jew algi jew li jkunu iżolati minnhom;

(e) ikel u ingredjenti ta' ikel li jikkonsistu fi pjanti u ingredjenti ta' ikel iżolati minn annimali jew li jkunu iżolati minnhom, minbarra ikel u ingredjenti ta' ikel li jsiru bi prattiċi ta'

propagazzjoni jew tgħammir tradizzjonali u li jkollhom storja ta' użu sigur bħala ikel;

(f) ikel u ingredjenti ta' ikel li kien applikat għalihom proċess ta' produzzjoni li m'hux użat bħalissa u li dan il-proċess jikkaġuna bidliet sinifikanti fil-komposizzjoni jew l-istruttura ta' l-ikel jew ingredjenti ta' ikel li jaffettwaw il-valur nutrittiv tagħhom, il-metaboliżmu jew il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa tagħhom.

2.2 Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

(a) addittivi ta' ikel li jaqgħu taħt l-iskop tar-Regolamenti dwar Addittivi fl-Ikel (A.L. 89 ta' l-1994);

(b) ħwawar użati f'oġġetti ta' l-ikel li jaqgħu ta't l-iskop tar-regolamenti dwar Ħwawar li jintużaw f'Oġġetti ta' l-Ikel u Għejun ta' Materjali għall-Produzzjoni tagħhom (A.L. 257 ta' l-1998);

(c) solventi estrattivi użati fil-produzzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel li jaqgħu taħt l-iskop tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Solventi Estrattivi għal Oġġetti ta' l-Ikel (A.L. 25 ta' l-1999),

sakemm il-livelli ta' sigurtà mniżżlin fir-Regolamenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ħawn qabel jkunu jikkorrispondu mal-livelli ta' sigurtà ta' dawn ir-regolamenti.

2.2 Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ikel ġdid li jaqa' taħt l-iskop ta' regolament 2.2 iżda li kien diġà tpoġġa fis-suq fil-Komunità Ewropea qabel it-28 ta' April 1997.

Tifsir.

3.1 F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

'Regolament EC' ifisser Regolament (EC) Numru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[1]

Ħtieġa ta' sigurtà ġenerali.

4.1 Ikel u ingredjenti ta' ikel li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx:

- jippreżentaw periklu għall-konsumatur;
- iqarrqu lill-konsumatur;
- ivarjaw minn ikel jew ingredjenti ta' ikel li huma maħsubin li jieħdu posthom hekk li l-konsum normali tagħhom ikun ta' żvantaġġ għall-konsumatur mill-aspett nutrittiv.

[1] OJ L 43, 14.2..1997, p.1

Bejgh ta' ikel ġdid

5.1 Ikel u ingredjenti ta' ikel li jaqgħu taht l-iskop tar-regolament 2.2 ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jekk ma jkunux diġà tqieghdu fis-suq fil-Komunità Ewropea wara li ġew ivvalutati u, fejn meħtieġ, approvati mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità Ewropea, skond il-proċeduri mniżżlin fl-Artikli 4, 6, 7 u 8 tar-Regolament (EC) Numru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[2] Iżda fil-każ ta' ikel jew ingredjenti ta' ikel msemmija f'dawn ir-Regolamenti u li jitticħdu minn varjetajiet ta' pjanti soġġetti għal Direttivi 70/457/EEC u 70/458/EEC, id-deiżjoni ta' approvazzjoni msemmija fl-Artiklu 7 tar-Regolament EC għandha tittieħed skond il-proċeduri pprovduti f'dawk id-Direttivi, b'dan iżda li jitqiesu l-prinċipji ta' valutazzjoni mniżżlin fir-Regolamenti EC u l-kriterji fir-regolament 4.1, bl-eċċezzjoni tal-provvedimenti li għandhom x'jaqsmu mat-twaħħil ta' ikel jew ingredjenti ta' ikel ta' din ix-xorta.

5.2 Regolament 5.1 m'għandux japplika għal ikel u ingredjenti ta' ikel msemmija fir-regolament 2.2(b) meta l-organiżmu modifikat ġenetikament użat fil-produzzjoni ta' l-ikel jew ta' l-ingredjent ta' l-ikel ikun tqiegħed fis-suq fil-Komunità Ewropea skond ir-Regolamenti EC.

5.3 Regolament 5.1 m'għandux japplika għal ikel jew ingredjenti ta' ikel msemmija fir-regolament 2.2(b), (d) u (e) u li, fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika aċċessibbli u magħrufa komunement, jew fuq il-bażi ta' opinjoni mogħtija minn xi wieħed mill-korpi kompetenti msemmija fl-Artiklu 4(3) tar-Regolament EC, huma sostanzjalment ekwivalenti għal ikel jew ingredjenti ta' ikel eżistenti fir-rigward tal-komposizzjoni, valur nutrittiv, metaboliżmu, użu li huma maħsubin għalih, u l-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li hemm fihom. Ikel u ingredjenti ta' ikel ta' din ix-xorta għandhom ikunu ġew notifikati debitament lill-Kummissjoni Ewropea skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 5 tar-Regolament EC.

5.4 Fil-każ ta' ikel jew ingredjenti ta' ikel li kienu ġew approvati skond l-artikolu 7 tar-Regolament EC, kull kondizzjoni dwar użu, desinjazzjoni, speċifikazzjoni jew ħtiġiet ta' tikketti speċifiċi stabbiliti bis-saħħa ta' din l-approvazzjoni, għandhom ikunu wkoll applikabbli għall-bejgħ ta' ikel jew ingredjent ta' ikel f'Malta.

Twaħħil ta' tikketti fuq ikel ġdid.

6.1 Mingħajr preġudizzju għal ħtiġiet oħra dwar it-twaħħil ta' tikketti fuq oġġetti ta' l-ikel, il-ħtiġiet speċifiċi addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għal oġġetti ta' l-ikel biex ikun żgurat li l-konsumatur aħħari jkun mgħarraf:

[2] OJ L 43, 14.2..1997, p.1

(a) b'xi karatteristika jew propjetà ta' l-ikel bħal:
- kompożizzjoni,
- valur nutrittiv jew effetti nutrittivi,
- l-użu maħsub ta' l-ikel,

li jagħmlu ikel ġdid jew ingredjent ta' ikel ġdid m'hux aktar ekwivalenti għal ikel jew ingredjent ta' ikel eżistenti. Ikel ġdid jew ingredjent ta' ikel ġdid m'għandux jitqies aktar ekwivalenti għall-iskop ta' dan ir-regolament jekk valutazzjoni xjentifika, ibbażata fuq analiżi propja ta' l-informazzjoni eżistenti, tista' turi li l-karatteristiċi valutati huma differenti meta mqabblin ma' ikel jew ingredjent ta' ikel konvenzjonali, wara li jittieħed kas tal-limiti aċċettati ta' varjazzjonijiet naturali għal dawn il-karatteristiċi. F'dan il-każ, it-tikketta għandha turi l-karatteristiċi jew proprjetajiet modifikati flimkien mal-metodu li bih ittieħdet dik il-karatteristika jew proprjetà;

(b) il-preżenza fl-ikel ġdid jew fl-ingredjent ta' ikel ġdid ta' materjal li m'hux preżenti f'oġġett ta' l-ikel ekwivalenti eżistenti u li jista' jkollu implikazzjonijiet għas-saħħa ta' ċerti sezzjonijiet tal-popolazzjoni;

(c) il-preżenza fl-ikel ġdid jew fl-ingredjent ta' ikel ġdid ta' materjal li m'hux preżenti f'oġġett ta' l-ikel ekwivalenti eżistenti u li joħloq tħassib ta' xorta etika;

(d) il-preżenza ta' organiżmu modifikat ġenetikament b'tekniċi ta' modifikazzjoni ġenetika, li l-lista mhux eżawrjenti tagħhom qiegħda f'Anness I A, Parti 1 tad-Direttiva 90/220/EEC.

6.1 Fin-nuqqas ta' ikel jew ingredjent ta' ikel ekwivalenti, għandhom jittieħdu miżuri adatti biex ikun żgurat li l-konsumaturi jkunu mgħarrfa adegwatament bix-xorta ta' l-ikel jew ingredjent ta' ikel.

Organiżmi modifikati ġenetikament.

7.1 Artiklu 9 tar-Regolament EC għandu japplika fil-każ ta' ikel jew ingredjent ta' ikel li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu f'organiżmu modifikat ġenetikament fis-sens ta' l-artikolu 2 (1) u (2) tad-Direttiva 90/220/EEC.

Riżerva.

8.1. Is-Suprentendent tas-Saħħa Pubblika, fuq il-parir tad-Direttorat responsabbli mill-oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija għal Standards, jista' jirrestrinġi jew jissospendi temporanjament in-negozju ta' kull ikel ġdid jew ingredjent ta' ikel ġdid li jkunu konformi ma' dawn ir-regolamenti u l-użu tagħhom jekk, minħabba f'informazzjoni ġdida jew ta' valutazzjoni mill-ġdid ta' informazzjoni eżistenti, huwa jkollu tassew għaliex jaħseb li l-użu ta' l-ikel jew ingredjent ta' ikel in kwistjoni jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.